Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 401/2016

Il-Pulizja

Spettur Dennis Theuma

Vs

Kurt Buttigieg

Illum 30 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Kurt Buttigieg detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 559081 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn iI-Gzejjer fix-xahar t' Awissu 2004:

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna / i jew ghall-persuna / i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi [G.N. 292 / 1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr

ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292 / 1939] kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

b. Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292 / 1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti wara li rat Taqsima IV u VI, 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjara 101.02, l-artikolu 17 (h) tal-Kap. IX Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' erbatax il-xahar prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' €800.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kurt Buttigieg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Awwissu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata, billi, thassarha u tirrevokha u kwindi

minnha tillibera lill-appellant skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena, u, minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternittivament, tirriformha in rigward tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi u tinfliggi piena aktar idonea u anqas harxa u li tirrispekkja il-kaz in ezami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

AGGRAVJI:

Illi l-aggravji huma diversi kif ser jkun elenkat izjed il' quddiem: primarjament, l-appellant kien ghad ghandu 23 sena meta safa' arrestat. Huwa qatt qabel ma kien detenut fuq investigazzjonijiet, wisq izjed misjub hati fuq droga / i. Fid-decizjoni taghha, l-Ewwel Onorabbli Qorti irreferiet fid-decide taghha, illi l-imputat ftit ghandu rispett lejn il-ligijiet tal-pajjiz, meta l-istess appellant qua data akkuzi minnhom appellati qatt qabel ma kien kiser dufrejh mal-awtoritajiet. Sentenza u process qatt ma jistghu jirriflettu ghal dati futuri minn meta jkun allegatament sehh ir-reat addebit lil imputat, u dan naxxenti mid-dritt ta' Gustizzja Naturali.

Tenut kont l-eta pjuttost zghira tal-appellant meta sehh l-allegat reat, u l-fatt illi huwa qatt ma kien offrut assistenza legali qabel jkun interrogat jimmerita referenza ghad-decizjonijiet moghtija milll-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani. Fid-decizjoni, *Imbriosca vs Switzerland*[1] gie ritenut il-principju kardinali illi suspettat ghandu jkollu access effettiv ghall-konsulenza jekk ikun irid ghal parir legali qabel jkun interrogat. Dan izjed u izjed meta is-suspettat jkun ghadu ta' eta' relativament zghira u qatt qabel ma kien misjub hati jew arrestat bhal kaz in ezami. Fid-decizjoni

[1] 24.11.1993 (ECHR)

*Pishchalnikov vs Russia*[2] il-Qorti Ewropeja qalet: *'the lack of legal assistance to the applicant at initial stages of police questioning had affected irreversibly his defence rights and undermined the possibility of him receiving a fair trial'.*

Jekk wiehed reqqament, janalizza id-dinamika kif sehhew il-fatti skond il-provi prodotti fil-kawza appellata, isib illi zewgt Egizzjani li qatt ma gew kienu qabel Malta, u li gew suppost vaganza, mall-ewwel jum jew tnejn, bdew ihufu mal-irkejjen tal-Gzira sabiex jakkwistaw droga cannabis u eroina. Dan ghamluh bla ma jafu lil xi Malti suppost kif jippretendu li xi Qorti temminhom, meta giethom hazina ammettew hadu Probation filwaqt li lebbtu lejn l-Egittu friski friski. Issa sta ghal evalwazzjoni xierqa ta' Qorti fuq kredibbilita, illi zewgt Egizzjani ma jsemmu ebda Libjan bhal kaz in ezami li marru jixtru minn ghandu u ma jafuhx!, xtraw minn tas-Sliema bla qatt ma marru hemm, u inkredibbilment, min kien ser ibieghlohom li ma jafhomx lanqas minn Adam, fill-fatt accetta qisu xi supermarket u biegh droga hashish. Fil-frattemp huma qalu li li is-seller gewwa Hal Qormi kien ta' xi 18 il-sena u bjond, certament kif ser ninnota din l-Onorabbli Qorti mhux il-kaz tal-appellant.[3] Dan il-fattur inkwitanti ghal sejbien ta' htija meta il-prassi hija in dubbio pro reo bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti ma giex ikkunsidrat.[4]

Hekk kif ittella fl-awla l-appellant sabiex fil-presenza tieghu xhedu iz-zewgt Egizzjani, kien l-istess karnagjon kif inhu illum il-gurnata cjoe ismar u certament mhux bjond. Aggravju serju iehor huwa kif mad-dialled list fin-numru cellular tal-appellant intqal li tela' numru prefiss mill-Egittu? Dan meta skond ix-xhieda tal-Pulizija kien Mahmoud li cempel lill-appellant u mhux vice versa.[5]

Inkonsistenza gravi ohra fix-xhieda hija kif kienu jafu n-numru tat-Toyota Corsa misjuqa mill-appellant meta l-Egizzjani qatt ma qalu Corsa izda

---

[2] 24.9.2009 (ECHR)
[3] Fol. 42 tal-process xhieda traskritta
[4] Xhieda Egizzjani a fol. 42 anka tghid illi dealer kien fartas, cioe bla xaghar!!!
[5] Vide xhieda a. Fol 94 tal-process

Tercel, kif wkoll qatt qabel ma kienu innutaw in-number plate meta kienu ghadhom Hal Qormi??[6] Jkompli it-tahwid: PC Saviour Baldacchino (illum Spettur) dak iz-zmien stazzjonat Drugs Squad, xehed kif kellu struzzjonijiet biex imur jistenna hdejn il-lukanda Preluna fejn persuna Libjana (izjed tard ikkorrega ruhu u qal Egizzjana), kellha titlaqa mal-appellant. PC Carlos Axisa xehed illi: 'konna nafu li kella tigi karozza tat-tip Toyota Corsa bin-numru registrazzjoni: RAN 021 bajda!!' issa wiehed jibqa' immeraviljat kif lanqas l-Egizzjani ma kienu jafu x' vettura hija u qalu li Tercel meta l-appellant kien qed isuq Corsa, ahseb u ara kemm l-Egizzjani kienu jafu in numru registrazzjoni!

Illi hawn si tratta ta' persuna li kien ghad kellha 23 sena, li facilment setghet intuzat mit-traffikanti vera li kienu bieghu droga lil Egizzjani, u sempliciment billi taw lil Egizzjani numru cellular tal-appellant, allura ic-cirku inghalaq fuqu l-appellant minghajr ma instabet ebda droga fuqu waqt l-arrest jew fil-vettura jew sahansitra residenza tieghu.

Jekk wiehed jifli sew l-istqarrija mittiehda mill-appellant, datata 24 f' Awwissu 2004, immarkata bhala Dok. LN 3, l-appellant stqarr kif il-vettura kienet ta' wiehed dealer tal-karozzi jlaqqam il-'Bloqq'. Dan il-persuna qatt ma ingieb jixhed quddiem il-kawza appellata, u huwa oltre minn notorju u maghruf mal-Pulizija, pero, ebda investigazzjoni jew ID parade ma saret mill-investigaturi fil-kaz sucitat sabiex jivverifikaw jekk kienx huwa stess illi biegh id-droga jew ossia xtara drogi mill-Egizzjani!![7] L-unika oggett illi instab fuq il-persuna tal-appellant kienu LM 264 flus kontanti, fatt li da solo, ma jfisser assolutament xejn fil-mori u elementi rikjesti sabiex xi Qorti issib htija fuq akkuzi hekk appellati; l-eroina mixtrija Hal Qormi kienet LM 12, u b' hekk huwa inkonsistenti illi b' xi immaginazzjoni lata wiehed jista' jasal ghal konkluzzjoni illi dawn il-flus gew akkwistati mit-traffikar tad-droga! Illi hawn fic-cirkostanzi kif relatati fl-appell odjern, jikkwalifikaw l-

[6] A fol. 37 xhieda process

[7] Huwa pjuttost inversament li l-Egizzjani mhux users kienu izda traffikanti innifishom li gew Malta ghal dan il-ghan!! Ebda turist ma jigi gimgha vaganza sabiex jiddandan bl-eroina! Wisq izjed meta l-Egittu huwa pajjiz maghruf ghad-drogi li jinstabu facilment.

elementi hekk msemmija u accennati fid-decizjoni: *R vs Rida Salem Suleiman Shoaib:*

> 'It is also necessary before drawing the inference of the accused' guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference.'

Ikkunsidrat,

Illi l-gravam ewlieni sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti huwa marbut interament mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. L-appellanti jilmenta illi l-Ewwel Qorti malament tat affidament lix-xhieda ta' tnejn minn nies ta' nazzjonalita egizzjana li jallegaw li huma akkwistaw id-droga minn ghand l-appellanti, tnejn minn nies li ghalkemm igharrfuh fl-awla madanakollu fil-fehma ta'l-appellanti, meta mitkellma *a tempo vergine* mill-pulizija jaghtu deskrizzjoni ghal kollox differenti mid-dehra tieghu. Jishaq ghalhekk illi l-Ewwel Qorti ma setax legalment u ragjonevolment tistrieh fuq ix-xhieda ta' dawn it-tnejn minn nies meta kien hemm dubbju dwar l-identifikazzjoni maghmul minnhom ta'l-appellanti.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[8]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Issa jidher illi l-Ewwel Qorti ghogobha taghti verosimiljanza lix-xhieda taz-zewg Egizzjani Mahmoud Mohamed Hosni Mohammed Mustafa u Amr Abd Elmeguid Mohamed Mustafa ghaliex din ix-xhieda kienet korroborata mhux

[8] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

biss mill-Ufficjali tal-Pulizija li taht is-sorveljanza taghhom sehhet *controlled delivery*, izda ukoll minn provi indizzjarji ohra fosthom l-ezami maghmul mill-espert Martin Bajjada tal-kuntatti telefonici li saru bejn dawn l-Egizzjani u l-appellanti.

Dawn ix-xhieda jirrakkontaw zewg episodji, l-ewwel wiehed meta huma akkwistaw id-droga minn kiosk gewwa tas-Sliema minn ghand certu Marc Borg u episodju iehor meta huma imbaghad xtraw l-erojina minn Hal Qormi minn ghand l-appellanti. Huma t-tnejn igharrfu lill-appellanti fl-awla meta jaghtu d-deposizzjoni taghhom bhala dik il-persuna li minn ghandha akkwistaw d-droga erojina.

Illi l-insenjament Turnbull, li ghalkemm ma jikkostitwixxu l-ebda regola taht il-ligi Maltija, ifassal linji gwida fil-kaz ta'l-identifikazzjoni tal-persuna akkuzata. Illi fost affarijiet ohra dawn jiggwidaw lill-gudikatur meta jinghad illi f'kaz ta' identifikazzjoni minn xhud tal-persuna akkuzata ghandu jittiehed qies ta' diversi fatturi fosthom:

*"How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?*[9]*"*

Issa f'dan il-kaz taht il-lenti tal-Qorti jirrizulta illi dawn iz-zewg xhieda egizzjani iltaqghu mal-appellanti f'zewg okkazzjonijiet, bl-ewwel darba jarawh piuttost mill-vicin. Fiz-zewg okkazjonijiet huwa ikun qieghed isuq l-istess vettura. Meta imbaghad issir il-*controlled delivery* mill-pulizija wiehed

[9]Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Stephen Zammit (deciza 16 ta' Lulju 1998)

mill-Egizzjani mal-ewwel jindika lill-pulizija illi l-appellanti kien wasal fuq il-post ghax mal-ewwel igharrfu. Illi ghalhekk ghalkemm wiehed minn dawn l-egizzjani jindika illi l-appellanti kien "blonde" kif tikkontendi id-difiza, izda fl-awla tal-Qorti mal-ewwel jindikah bhala l-persuna ta'l-appellanti u ghalkemm l-Ewwel Qorti tinhass xi ftit perplessa bid-deskrizzjoni tax-xaghar li kienet qed tinghata izda tikkonferma illi ix-xhud (li *del resto* jidher li ma jitkellmiex il-lingwa Ingliza sew) kien qed jaghmel referenza ghall-appellanti meta l-Prosekuzzjoni titolbu javvicinah u jindikah hu stess. Ix-xhud minghajr titubanza juri lill-Qorti l-persuna ta'l-appellanti[10].

Apparti din l-identifikazzjoni inkonfutabbli hemm provi ohra kemm minn xhieda diretta fosthom l-ufficjali tal-pulizija involuti f'din l-invetsigazzjoni kif ukoll provi indizzjarji li kif inghad jikkoroborraw ix-xhieda ta' dawn it-tnejn minn nies. Wara l-arrest ta'dawn iz-zewg zaghzagh egizzjani mill-pulizija huma accettaw li jikkollaboraw fl-investigazzjonijiet u kienu kompartecipi f'*controlled delivery* maghmula taht is-sorveljanza tal-pulizija. Illi Mahmoud Mohammed Hosni fil-fatt kellu in-numru tac-cellulari ta'l-appellanti u fil-presenza tal-pulizija cempillu u ftiehem mieghu biex jiltaqghu gewwa Tas-Sliema  hdejn il-Preluna Hotel kif indikat lilu mill-pulizija u dan sabiex jerga' jakkwista d-droga minn ghandu. Fil-fatt meta wasal fuq il-post kif miftiehem, l-appellanti kien jidher qieghed f'kuntatt telefoniku u wara ghamel sinjal lil dan l-egizzjan hekk kif lemhu qed jistennieh. Meta imbaghad l-appellanti induna bil-presenza tal-pulizija huwa ipprova jahrab minn fuq il-post. Mir-rapport ta'l-espert Martin Bajjada, kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti jirrizulta illi fil-fatt sar dan il-kuntatt bejn l-egizzjan u l-appellanti permezz tat-telefown f'dak l-istess hin.

Illi rinfaccjat b'dawn ir-rizultanzi processwali, il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellanti jista' jikkontesta l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta ghandu jkun indubitat illi l-persuna li maghha ghamlu kuntatt dawn iz-zewg egizzjani sabiex jixtru d-droga erojina ma kien hadd hlief l-appellanti. Illi l-Ewwel Qorti gharrblet sew l-provi li kellha quddiem b'mod

[10] Ara xhieda ta' Amr Abd El Meguid Mohammed Mustafa a fol. 43 tal-process.

ghaqli u din il-Qorti ma tista' issib l-ebda raguni li tista twassalha titbieghed mill-konkluzjonijiet raggunti fid-decizjonijiet impunjata.

Illi finalment din il-Qorti lanqas ma tista' tifhem l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti ghar-rigward tal-validita ta'l-istqarrijiet rilaxxjati minnu lill-pulizija mal-arrest tieghu meta minn qari tad-decizjoni appellata ghandu jirrizulta illi l-Ewwel Qorti skarat dawn l-istqarrijiet u dan abbazi tal-gurisprudenza kemm lokali kif ukoll tal-ECtHR fil-materja. Illi imbaghad meta l-appellanti ikun qieghed jitratta it-tieni aggravvju dwar l-apprezzament tal-provi donnu jippretendi illi din il-Qorti imbaghad ghandha tiehu konjizzjoni ta'l-istqarrijiet tieghu dwar il-vettura li dak in-nhar, meta gie intercettat mill-pulizija, kienet qed tigi misjuqa minnu. Il-Qorti tqies illi dan l-aggravvju ghalhekk mhux biss huwa imressaq b'mod konfuzjonarju u kontradittorju izda huwa ukoll ghal kollox fieragh.

In kwantu ghal piena il-Qorti tqies illi l-kalibrazzjoni maghmul mill-Ewwel Qorti jaqa' sewwa fil-parametri tal-ligi u anzi joqrob iktar lejn il-minimu meta wiehed iqies illi r-reat ta' traffikar wahdu, meta dan huwa prosegwibbli quddiem il-Qorti tal-Magistrati, igorr piena massima ta' ghaxar snin prigunerija u multa sa massimu ta' €11,646.87., Dan apparti c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn ghandna l-figura tal-appellanti bhala spaccatur veru u proprju.

Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq migjuba l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft)Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur